MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' April, 2010

Numru. 484/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**VS**
**PETER BORG**
**STEPHEN BORG**
**PETER BORG**
**ANTHONY BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta l-imputati Peter Borg ta’ 46 sena iben John u Lucarda nee’ Cutajar mwieled fit-30 ta’ Mejju 1956, li joqghod fil-fond nru. 7, Sqaq Jannara, Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 391356M.

Kif ukoll lil Stephen Borg ta’ 24 sena iben Peter u Mary nee’ Farrugia mwieled fl-10 ta’ Ottubru 1978, li joqghod fil-

fond nru. 7, Sqaq Jannara, Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 483578M.

Kif ukoll lil Peter Borg ta’ 23 sena iben Peter u Mary nee’ Farrugia mwieled Attard fl-14 ta’ Novembru 1979, li joqghod fil-fond nru. 7, Sqaq Jannara, Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 557979M.

Kif ukoll lil Anthony Borg ta’ 20 sena iben Peter u Vincenza nee’ Cassar mwieled Pieta’ fil-21 ta’ Frar 1983, li joqghod fil-fond nru. 7, Sqaq Jannara, Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 260783M.

Billi huma akkuzati talli:

1) Fit-13 ta’ Marzu 2003 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ai termini ta’ l-artikolu 18 tal-ligijiet ta’ Malta Kap. 9;
2) Fil-lejl ta’ bejn il-21 u t-22 ta’ Dicembru 2002, fi Triq Kanonku Pirotta Birkirkara, kkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom apparat tal-hi fi u ‘power tools’ li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ elf Lira Maltin, minn go garage adjacenti mal-fond Plot 6 Flat 2 li huwa sitwat fi Triq Kakonku Pirotta Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u l-valur u li sehh ghad-dannu ta’ Silvio Muscat;
3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, waqt li kienu f’Birkirkara, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe’ serq minn gol-fond Garage nru. 6 ‘Charonia’, fi Triq il-Kanonku Pirotta Birkirkara, ikkwalifikati bil-mezz u bil-hin, ghad-dannu ta’ Christopher Vella, wrew dan il-hiseb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;
4) U aktar aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, waqt li kienu f’Birkirkara, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe’ serq minn gol-fond Garage nru. 3, fi Triq il-Kanonku Pirotta Birkirkara, ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin, ghad-dannu ta’ James Dimech, wrew dan il-hiseb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzjoni ta’ dan id-delitt, liema

delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;

5) Kif ukoll talli fil-jiem ta’ bejn it-30 ta’ Dicembru 2002 u l-1 ta’ Jannar 2003, f’xi hin bil-lejl, fi Triq il-Vittorja Birkirkara, kkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom ‘soft toys’ li l-valur taghhom jecceddi s-somma ta’ elf lira Maltin, imma go tlett ‘garages’ nru. 11, 12, 13 li huma sitwati fi Triq il-Vittorja Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, bil-hin u l-valura u li sehh ghad-dannu ta’ Emanuel sive Noel Falzon;

6) U aktar talli fil-lejl ta’ bejn is-7 u t-8 ta’ Jannar 2003, fi Triq il-Mithna l-Antika Birkirkara, kkommettew serq ta’ diversi oggetti, fosthom flus kontanti u mutur tal-hart li l-valur taghhom jecceddi s-somma ta’ LM100 izda anqas minn LM1.000, minn go garage li huwa sitwat f’razzett fi Triq il-Mithna l-Antika, Taz-Zwejt Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u l-valur u li sehh ghad-dannu ta’ Vincent Borg;

7) U aktar talli fil-lejl ta’ bejn il-11 u t-12 ta’ Jannar 2003, fi Triq Tobruk Pembroke, kkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom ‘power tools’ li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ elf Lira Maltin, minn go ‘metal work shop’ propjeta’ tal-Ministeru tat-Turizmu li huwa sitwat fi Triq Tabruk Pembroke, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u l-valur u li sehh ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

8) U aktar talli fil-lejl ta’ bejn il-11 u t-12 ta’ Jannar 2003, fi Triq Tobruk Pembroke, kkommettew serq ta’ diversi oggetti, fosthom ingenji tal-bhejjem, li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ LM100 izda anqas minn LM1,000, minn gol-fond ‘Stables’ li huwa sitwat fi Triq Tabruk Pembroke, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u l-valur u li sehh ghad-dannu ta’ Carmelo Mifsud;

9) Kif ukoll talli fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Marzu 2003, fi Triq Qrendi z-Zurrieq, ikkemmettew serq ta’ diversi oggetti fosthom flus kontanti u ‘power tools’ li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ LM100 izda anqas minn LM1,000, minn gol-fond ‘Demsey Garage’ li hwua sitwat fi Triq Qrendi Zurrieq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u l-valur u li sehh ghad-dannu ta’ Joseph Grixti;

10) Qeghdin jigu akkuzati wkoll talli f'dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi differenti, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;
11) Kif ukoll talli saru lkoll recedivi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Finalment Anthony Borg wahdu huwa akkuzat:

12) Talli kkommetta reati li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fiz-zmien operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu nhar il-21 ta' Ottubru 1999 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fejn kien gie misjub hati ta' reat u kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati;

Rat il-Verbal tad-19 ta' April 2006 (ara fol 312) fejn l-imputati ma kellhom oggezzjoni illi jigu gudikati minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat Anthony Borg ghall-akkuzi kollha ghajr l-ghaxar (10) akkuza illi hija sussidjarja ghall-akkuzi ta' serq;

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni ghajr l-akkuza ghaxra (10) wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat Anthony Borg ghar-ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Ix-xhieda ta’ l-Ispettur Michael Mallia (ara fol 38 et sequitur) jirrizulta illi l-pulizija kienu rcevew informazzjoni kunfidenzjali illi l-imputati kienu nvoluti f’reati ta’ serq u ricettazzjoni. Illi ghaldaqstant fit-tnax (12) ta’ Jannar 2003 l-Ufficjal Prosekutur flimkien ma membri ohra tal-korp tal-pulizija kienu wettqu tfittxija fil-fond numru 7, Sqaq Jannara, Birkirkara fejn jghixu l-imputati.

L-Ufficjal Prosekutur spjega lill-Qorti illi f’dan il-fond kien hemm razzett b’diversi kmamar separati u diversi eghlieqi u anke eghlieqi fuq in-naha ‘l ohra tat-triq li kienu kollha propjeta ta’ Peter Borg Senior, cioe’ l-missier tat-tlett (3) imputati ‘l ohra. F’wahda mill-kmamar li kienet maqtugha mir-razzett instabu diversi oggetti inkluz ghodod u power tools. Parti minn dawn l-oggetti kienu fil-fatt mohbija wara boards u affarijiet ohra f’din il-kamra separata li kienet tissakkar permezz ta’ katnazz. Parti minn dawn l-ghodod fil-fatt kienu gew identifikati bhala provenjenti minn serqa illi kienet saret f’metal work shop illi huwa propjeta tal-Ministeru tat-Turizmu sitwat fi Triq Tobruk Pembroke. **Din is-serqa fil-fatt kienet grat fil-istess gurnata ftit sieghat qabel ma twettqet it-tfittxija fil-fond tal-imputat Peter Borg.** Adjacenti mal-metal work tal-Ministeru tat-Turizmu kien hemm ukoll xi stalel taz-zwiemel propjeta ta’ Carmelo Mifsud liema stalel ukoll gew sgassati u oggetti ta’ apparat taz-zwiemel gew misruqa minnu.

L-Ispettur Michael Mallia xehed a fol 39 illi uhud mill-apparat ta’ dawn iz-zwiemel u l-armar ta’ l-istess fil-fatt kienu gew misjuba f’din il-kamra separata fil-propjeta’ ta’ Peter Borg. Il-pulizija wkoll sabu f’din il-kamra oggetti ohra li kienu gejjin minn serqa ohra fi Triq Kanonku Pirotta Birkirkara. L-Ispettur Michael Mallia xehed illi huwa kien kellem lid-derubat ta’ din l-ahhar serqa minn Triq Kanonku Pirotta Birkirkara certu Silvio Muscat illi kien infurmah ukoll illi kemm il-garage tieghu u kemm il-garages ta’ James Dimech u ta’ Chris Vella illi kienu sitwati fil-vicinanza kienu wkoll gew milquta mis-serq. Silvio Muscat kien informa lill-pulizija illi huwa kien ra lil Anthony Borg u lil Peter Borg mexjin lejn id-“drive-in” ta’ dawn il-garages ftit qabel is-serqa tal-21 ta’ Dicembru 2002. Il-propjetaru ta’ wiehed minn dawn il-garages u cioe’ James Dimech

ukoll gie mitkellem mill-pulizija u kien informa lill-pulizija illi kien ha n-numru tar-registrazzjoni ta' karozza u cioe' EAM 759 illi kienet dahlet fl-entratura ta' dawn il-garages, qaghdet ftit mumenti hemm hekk u meta daret biex terga tohrog il-passiggier kien gholla jdejh ma rasu sabiex jghatti wiccu.

L-Ispettur Michael Mallia xehed illi huwa kien organizza "identification parade" illi fiha kienu ippartecipaw Anthony Borg u Peter Borg bhala z-zewg persuni illi kienu dahlu dak il-hin fl-apertura tal-garages u regghu hargu. F'din l-identification parade intgharaf l-imputat Anthony Borg. L-Ispettur Michael Mallia xehed ukoll illi l-Volkswagen EAM 759 kienet propjeta ta' l-istess Anthony Borg. L-Ispettur Michael Mallia xehed illi kienet twettqet tfittxija wkoll fl-eghlieqi illi jaghmlu parti mill-propjeta' ta' Peter Borg u f'dawn l-eghlieqi adjacenti mal-propjeta' tieghu kienu instaghbu diversi ghodod ohra provenjenti mis-serqa ta' Triq Kanonku Pirotta Birkirkara. Dawn l-ghodod u l-apparat ta' l-agrikoltura kienu instaghbu mghottija bil-kaxex kbar tal-kartun taht hajt tas-sejjiegh. Fil-fatt il-pulizija kienu sabu kompressur bl-ispray gun, tlett (3) grass cutters u generator illi kienu insterqu mill-work shop tal-Ministeru tat-Turizmu. Instab ukoll mutur tal-hart illi kien gie rapurtat misruq minn certu Vincenzo Borg fit-tmienja (8) ta' Jannar 2003 minn kamra sitwata fi Triq il-Mithna l-Antika, Taz-Zwejt, Birkirkara. Gew ukoll misjuba fl-istess inhawi diversi oggetti illi kienu rapurtati misruqa minn certu Emanuel Falzon fl-ewwel tas-sena tat-2003 u cioe' diversi oggetti bhala "Jude Boxes" ornamentali u kwantita kbira ta' soft toys kbar u gift sets **flimkien ma' "flask" u zewg "lighters" illi kienu jgibu l-isem tad-ditta DON 1950.** (ara xhieda a fol 41) Infatti Emanuel Falzon kien informa lill-pulizija li l-oggetti misruqa minn garages number 11, 12 u 13 fi Triq il-Vitorja Birkirkara kien jammonta ghal hmistax –il elf (15,000) lira.

L-Ispettur Michael Mallia xehed ukoll illi f'post fl-ghalqa faccata tar-razzett kien sab ukoll "flask" u zewg (2) lighters identici bhal dawk illi kienu misruqa lil Emanuel Falzon fl-ewwel ta' Jannar 2003. L-Ispettur Michael Mallia xehed illi kienet infethet inkjesta ghal serqa tal-oggetti mill-garages

ta' Emanuel Falzon. L-Ufficjal Prosekutur xehed illi fit-13 ta' Marzu 2003 fuq informazzjoni kunfidenzjali irrizultalu illi l-karozza DAS 318 Toyota hadra kienet waqfet go fond number 8, Triq il-Kastelletti Sliema u zewg (2) persuni illi gew identifikati bhala tal-Hasi kienu gew notati jhotti diversi oggetti ghal go din il-kamra mill-karozza fuq imsemmija. L-Ufficjal Prosekutur xehed illi huwa wettaq tfittxija f'dan il-fond wara illi irrizultalu illi **din il-karozza kienet tghajjat lil Stephen Borg**, cioe' wiehed mill-imputati.

L-Ispettur Michael Mallia informa lill-Qorti wkoll illi f'dan il-fond kien ukoll fil-pussess ta' Anthony Borg u dana kien jafu di xjenza proprja ghaliex gieli baghat lin-nies tieghu biex jinnottifkaw lil istess Anthony Borg fi proceduri ohra illi kien hemm il-Qorti kontra tieghu. Meta waslu fil-fond Anthony Borg informa lill-pulizija illi kienu sgassawlu l-katnazz. L-istess Anthony Borg pero' qatt ma ghadda cavetta ta' dan il-katnazz lill-ufficjal tal-pulizija. Minn dan il-fond li kien qisu kantina, gew elevati shot gun SKB serial number S2118663, tlettax (13) –il flixkun ta' xorb alkoholiku u diversi ghodod u power tools.

L-Ispettur Michael Mallia xehed illi fil-fond number 8, Triq Kastelletti Sliema kien instab ukoll cekk tar-"relief" ta' l-imputat Anthony Borg datat l-ewwel (1) ta' Marzu 2003 cioe' tnax (12) –il gurnata qabel ma twettqet it-tfittxija fuq dan il-post. Kienet infethet ukoll inkjesta Magisterjali fuq din is-serqa. Apparti minn dana kollu kienu instabu flixken tax-xorb u power tools illi kienu konvenjenti minn serqa ohra illi kienet irrapurtata minn Joseph Grixti, serqa illi kienet twettqet dik il-gurnata stess minn gewwa garage, Demsy garage fi Qrendi Road, Zurrieq.

L-Ufficjal Prosekutur xehed ukoll illi kienu gew mitkellma l-imputati diversi drabi tul l-investigazzjonijiet kollha izda qatt ma taw spjegazzjoni ghall-affarijiet kollha illi nstabu fil-propjeta taghhom provenjenti minn diversi serqiet. L-imputati qalu illi huma ma kienux jafu b'dawn l-oggetti u li kienu qeghdin jigu ffrejmjati.

In kontro ezami l-Ispettur Mallia xehed illi terzi persuni setghu kellhom access ghal-eghlieqi fejn instabu dawn l-oggetti misruqa izda dawn l-eghlieqi kienu cirkundati b'hajt tas-sejjiegh baxx pero' kien hemm ukoll zewgt (2) iklieb kbar illi kienu ta' l-ghassa. Dawn il-klieb kienu marbuta meta l-pulizija ghamlu t-tfittxija.

L-Ispettur Michael Mallia xehed illi fil-kamra fejn instabu l-oggetti l-bieb kien imbexxaq pero' kien bieb li seta' jissakkar. L-oggetti kollha provenjenti mis-serq gew esebiti in atti u gew esebiti wkoll ritratti MM 1 sa 49 illi juru l-oggetti misruqa. Gew esebiti ritratti MM 50 sa MM 70 illi juru l-oggetti misruqa minn Triq Kanonku Pirotta Birkirkara illi kienu instabu fil-fond numru 7, Triq Jannara, Birkirkara.

Gew esebiti seba' (7) stqarriji ta' l-imputati. Gew esebiti wkoll zewg (2) settijiet ta' ID Parade, Dok. MMX 8 u 9. L-Ufficjal Prosekutur esebixxa wkoll diversi sentenzi ta' l-imputati MMX 10 sa 16. Gie esebit ukoll "flask" u zewg lighters mmarkati bhala esebit MM 71 u xkora kannella bl-isem kannella bl-isem tad-ditta DON 1950 illi giet elevata mill-fond 8, Triq il-Kastelletti, Sliema bhala esebiti MM 72. Giet esebita wkoll bicca gilda tal-armar taz-zwiemel illi giet elevata mill-ghalqa Triq Dun Karm Psaila Birkirkara immarkata bhala MM 73. Fl-istqarriji ta' l-imputati dawn innegaw l-involviment taghhom f'kull serqa waqt li whud ghazlu illi ma jwegbux ghad-domandi.

**Fl-"Identification Parade", l-Ufficjal Prosekutur xehed illi James Dimech kien gharaf lil Anthony Borg u lil Peter Borg Junior**.

A fol 100 PS Jeffery Gerada ikkonferma s-sehem tieghu fit-tfittxija li saret fit-tnax (12) ta' Jannar 2003 fil-farmhouse, number 7, Sqaq Jannara, Birkirkara u fl-eghlieqi adjacenti fejn instabu diversi oggetti misruqa. Gie muri r-ritratti Dok. MM 1 u MM 17 u kkonfermhom. Gie muri wkoll ritratti MM 50 sa 70 u gharafhom u mbaghad gie muri l-istqarrija ta' Peter Borg Dok. MMX 7 u kkonferma l-prezenza tieghu waqt din l-istqarrija u l-firem fuq l-istess. Gie muri wkoll l-istqarrija MMX 5 ta' Stephen Borg, ikkonferma t-twissija ta' l-Ispettur u l-firem fuq l-

istess stqarrija. L-istess ghall-istqarrija MMX 4 ta' Peter Borg.

PC 1337 Kevin Curmi a fol 103 ikkonferma illi huwa kien assista lill-Ispettur Michael Mallia fit-tfittxija illi kienet saret Dun Karm Psaila Street, cioe' fir-razzett tal-familja Borg u kkonferma li Anthony Borg kien qal illi l-oggetti li sabu l-pulizija ma jafx bihom. Ikkonferma illi kienu instabu diversi ghodod taht kaxex tal-kartun kbar; li l-kaxex tal-kartun kienu kaxex li kienu provenjenti minn serqa ohra 'il ghaliex kienu dawk illi kienu ikkontjenew xi soft toys. Hu kien ikkonferma illi wkoll kien instab xi apparat ta' gilda illi jifforma parti minn armar ta' zwiemel. Muri esebiti MM 73 u MM 71 ikkonfermhom. Ikkonferma wkoll l-isqarrija ta' Anthony Borg Dok. MMX 1 u Dok. MMX 2 u Dok. MMX 3.

Chirs Vella a fol 106 ikkonferma l-izgass fil-garage tieghu illi kien qed jigi taht id-dar tieghu li sehh fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru 2002. Illi f'dan il-garage kellu diversi affarijiet personali li kienu merfugha izda xejn ma gie misruq.

Saviour Colerio (a fol.108 et seq.), Senior Tradesman mal-Ministeru tat-Turizmu, ikkonferma illi kien sar serq mill-istores ta' l-istess Ministeru fejn kienu insterqu diversi ghodod inklux generator u spray gun u kompressur, tlett (3) grass cutters. Hu ikkonferma l-lista ta' l-oggetti misruqa cioe' li tidher a fol 21 tal-Proces Verbal anness ma l-atti. Huwa kkonferma illi l-oggetti kollha li gew misruqa fil-fatt gew misjuba mill-pulizija. Huwa xehed illi fil-lista a fol 21 kien hemm indikat serq ta' welding set. **Dan is-set fil-fatt kien gie misjub aktar tard.** Ikkonferma r-ritratti MM 1 sa MM 17.

Silvio Muscat ikkonferma illi huwa kellu garage fi Triq Kanoniku Karmenu Pirotta, Birkirkara u li dan kien mira ta' serq f'Dicembru tat-two thousand and two (2002). Huwa xehed illi meta kien gie infurmat minn wiehed mill-gara tieghu huwa nizel fuq il-post, sab il-bieb tal-garage sgassat, il-kumpressur 'il barra mil-garage u diversi oggetti misruqa inkluz apparat elettroniku, hi fi, video 'il ghaliex xogholu kien ta' technician. Ikkonferma l-lista ta'

l-oggetti misruqa u cioe' Dok. SM, flimkien mar-ritratti Dok. MM 50 sa Dok. MM 70., Dok. SM jinsab a fol 114 u 115 tal-process.

Richard Fenech ikkonferma illi l-Ufficjal Prosekutur kien baghat ghalih rigwardanti xi serq illi kien sehh f'Dicembru tat-two thousand and two (2002) u kien baghat ghalih fit-tmintax (18) ta' Jannar tat-two thousand and three (2003). Richard Fenech spjega illi huwa kien ra zewg (2) persuni illi kien gharafhom u fil-prezenza tal-Qorti **kien gharaf lil Anthony Borg u lil Stephen Borg** ghalkemm jirreferi ghalihom bl-ismijiet ta' Peter u Stephen Borg. Richard Fenech xehed illi huwa kien gharaf lil dawn il-persuni minn fost disa' (9) ritratti illi kienu gew mghoddija lilu mill-Ufficjal Prosekutur u kien gharaf lil dawn iz-zewg (2) persuni. Huwa xehed illi kien ra lil dawn iz-zewg (2) persuni nezlin lejn l-entratura ta' dawn il-garages f'Birkirkara imbaghad rahom hergin wara ftit zmien. Kien ukoll sema' hoss bhal meta taqa' pjanca.

James Dimech a fol 120 ikkonferma illi l-garage tieghu kien gie sgassat fit-tmintax (18) ta' Jannar tat-two thousand and three (2003) flimkien ma' garages ohra. Illi huwa induna illi kien hemm garage miftuh b'xi affarijiet barra illi ma kienx tas-soltu u allura nizel jiccekkja. Illi ghaldaqstant huwa cempel lill-propjetarju tal-garage illi kien sab miftuh b'kumprassur barra mil-garage u cioe' lil Silvio Muscat u talbu biex jinzel sal-garage. Fil-fatt osserva illi kien hemm zewg (2) garages ohra illi kienu gew sgassati u ghaldaqstant cempel lill-pulizija. Illi huwa innota karozza illi kienet dahlet mil-apertura ta' dawn il-garages u ha n-numru ta' registrazzjoni ta' din il-karozza u ghaddieh lill-pulizija. Din il-karozza kienet dahlet mill-apertura tal-garages, u wara ftit kienet regghet irriversjat u harget minn fejn dahlet. Huwa kkonferma illi l-persuni li kien hemm fil-karozza ma harsux lejh u baqghu ghaddejjin ghall-affari taghhom. Qal ukoll li wiehed minn dawn il-persuni kien gholla jdejh quddiem wiccu sabiex jew jistahba minnu jew biex ihokk mohhu. Ikkonferma illi ftit wara kienet saret Identification Parade u kkonferma r-ritatti ta' l-I D Parade MM 18 sa MM 35.

L-Ispettur Michael Mallia a fol 128 esebixxa r-ritratti tal-karozza Volkswagen Golf registrazzjoni EAM 759. Dawn gew esebiti bhala MM 75 sa MM 79. Gew esebiti wkoll ircevuti tal-oggetti illi gew elevati mill-fond tal-imputati MM 80 sa MM 83.

Robert Cardona ikkonferma l-inkarigu tieghu fl-Inkjesta ta' l-ewwel (1) ta' Jannar 2003 mill-Magistrat Miriam Hayman u kkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 64 tal-Proces Verbal relattiv.

Karmenu Mifsud a fol 141 xehed illi ghall-habta ta' nofs Jannar tat-two thousand and three (2003) kien gie infurmat illi l-garage tieghu kien gie misruq. It-testimonjanza tieghu giet sospiza.

Noel Falzon a fol 143 ikkonferma illi kienet sehhet serqa fl-ewwel (1) ta' Jannar tat-two thousand and three (2003) f'diversi garages illi huwa kellu fi Victory Street, Birkirkara li huwa kien juzhom bhala warehouse ghall-kumpanija tieghu "Eurographics". F'dawn l-istores huwa kellu diversi soft toys u oggetti ta' rigali illi kienu gew misruqa. Huwa esebixxa Dok. PF 1 sa Dok. PF 12 (li jinsabu a fol 146 sa 158) illi juru t-tip ta' oggetti li gew misruqa mill-istores tieghu. Ikkonferma wkoll illi l-valur ta' l-oggetti li gew misruqa mill-istores tieghu kienet ten thousand (10,000) Maltese Liri.

Vincent Borg a fol 159 et sequitur ikkonferma illi huwa kien ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija 'il ghaliex kien insteraqlu mutur tal-hart illi kien izommu f'ghalqa maghrufa bhala taz-Zwejt fejn kellu razzett b'zewgt (2) ikmamar. Flimkien mal-mutur tal-hart kienu wkoll insterqulu xi erbghin (40) lira. Gie muri r-ritratti MM 36 sa MM 39 u CP 9 sa CP 11 u kkonfermhom. Gharaf ukoll l-oggetti li kienu jappartjenu lilu bhala dawk indikati f'CP 10, CP 11 u MM 37 u MM 38.

PC 1159 Martin Mifsud a fol 162 ikkonferma l-istqarrija MMX 6 u gharaf lill-imputat Stephen Borg u l-firem fuq l-istess stqarrija.

Ex Spettur Mario Buttigieg ikkonferma x-xhieda ta' l-identita' fis-sentenza MMX 16 u gharaf lill-imputat Stephen Borg.

Joseph Grixti ikkonferma serqa minn garage tieghu fi Triq il-Qrendi, Zurrieq u r-rapport li kien ghamel lill-pulizija. Ikkonferma illi diversi mill-ghodod tieghu illi kienu jinstabu f'dan il-garage kienu gew misruqa.

Dr. Richard Sladden ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 5 tal-Proces Verbal dwar serq minn fond Demsey Garage fi Triq il-Qrendi, Zurrieq datat tlettax (13) ta' Marzu two thousand and three (2003).

Joseph Grixti ikkonferma x-xhieda illi hu ta fl-Inkjesta Magisterjali.

Karmenu Mifsud a fol 175 et sequitur ikkonferma illi l-pulizija kienu baghtu ghalih in segwitu tas-serqa u li kien gharaf xi cineg tal-klieb tieghu u kif ukoll xi armar taz-zwiemel tieghu.

Spettur Simon Galea a fol 181 identifika lill-imputat Anthony Borg fil-konfront tas-sentenza li tinsab a fol 89 tal-Process.

Spettur Dennis Theuma a fol 183 ikkonferma l-identita' tal-imputat Peter Borg ghar-rigward tas-sentenza ta' l-ghoxrin (20) ta' Jannar 2000 Pulizija Spettur Dennis Theuma vs. Peter Borg, Stephen Borg, Peter Borg u Anthony Borg esebita a fol 86 tal-Process.

PS 198 Arthur Debattista ikkonferma r-relazzjoni tieghu Dok. AD fl-inkjesta dwar serq ta' diversi oggetti misjuba f'fond 8, Kastelletti Street, Sliema anness ma l-atti.

Dr. Richard Sladden a fol 196 ikkonferma l-konkluzjonijiet raggunti fir-relazzjoni tieghu illi tinsab a fol 5 tal-Proces Verbal dwar serq minns Demsey Garage, Qrendi Street, Zurrieq tat-tlettax (13) ta' Ottubru two thousand and three (2003).

Christopher Darmanin ikkonferma illi l-karozza EAM 759 Volkswagen Golf kulur abjad kienet propjeta ta' Anthony Borg Identity Card number 260783 M u li l-karozza EAF 318 ta' l-ghamla Toyota Corolla kulur ahdar kienet propjeta ta' Stephen Borg Identity Card number 483578 M.

PS 500 John Giusti ikkonferma r-rapport ta' serq illi kien ghamel Carmelo Mifsud minn stalel tieghu "Pengies Riding School" fit-tnax (12) ta' Jannar two thousand and three (2003) u esebixxa Dok. PS okkorrenza ta' l-istess serqa.

Carmelo Mifsud a fol 204 et sequitur ikkonferma d-dettalji tas-serqa illi kienet saret mill-istalel tieghu u xi oggetti illi kienu insterqulu fosthom "generator" u "jigger". Huwa kkonferma r-ritratt Dok.MM 73 illi juri dawn l-oggetti. Fost l-oggetti kien hemm ukoll seba' (7) bicciet ta' l-armar taz-zwiemel u kif ukoll "saddle" illi wahidha tiswa xi mitejn u hamsin (250) lira.

PS 602 Jonathan Attard (a fol 219 et sequitur) ikkonferma r-ritratti MM 50 sa MM 70 u MM 1 sa MM 17.

PS 577 Joseph Abdilla a fol 21 esebixxa l-okkorrenza ta' serqa minn Demsey Garage, Triq Qrendi, Zurrieq bhala Dok. PSZ li jinsab a fol 223 et sequitur.

PC 1261 Charles Pace ikkonferma r-ritratti MM 36 sa MM 49 bhala ritatti mehudin minnu.

PC 659 Jeffrey Hughes (a fol 228) ikkonferma r-relazzjoni tieghu illi kienet wahda fin-negattiv fl-inkjesta ta' serq minn sgass minn metal work shop propjeta' tal-Ministeru tat-Turizmu, Triq Tobruk Pembroke illi sehhet fit-tnax (12) ta' Jannar two thousand and three (2003).

PS 504 Silvio Ellul a fol 230 xehed illi waqt li kien patrol flimkien ma l-Ispettur Mario Tonna u s-surgent 500 go Tobruk Road Pembroke nnota illi l-istores tal-Ministeru tat-Turizmu go Tabruk Road kien miftuh u li kellu l-bieb ta' aluminium sgassat. Illi ghaldaqstant cemplu lil Mr. Coleiro

sabiex jara x'kien hemm nieqes. Giet esebita l-okkorrenza ta' dan ir-rapport Dok. PSX a fol 232.

PS 201 Sandro Magro (a fol 235) esebixxa l-okkorrenza PSY a fol 227 et sequitur tas-serqa minn gol-garages Victory Street, Birkirkara illi sehhet fl-ewwel (1) ta' Jannar two thousand and three (2003).

Il-Perit Richard Aquilina (a fol 243) ikkonferma r-relazzjoni tieghu illi tinsab a fol 13 tal-Proces Verbal ta' serq minn metal workshops, Triq Tobruk Pembroke illi sehh fit-tnax (12) ta' Jannar two thousand and three (2003).

PS 171 Karl Glennville (a fol 250) ikkonferma r-relazzjonijiet tieghu (a fol 35 tal-Process Verbal) ta' serq minn Demsey Garage li sehh fit-tlettax (13) ta' Marzu two thousand and three (2003) anness ma l-atti.

PC 807 Felix Vella a fol 252 ikkonferma illi huwa kien akkumpanja lill-Ufficjal Prosekutur fis-serq illi sehh fit-tlettax (13) ta' Marzu f'post tas-Sliema u li kienu gew akkompanjati mill-imputati Peter Borg Junior u Anthony Borg. Hemmhekk kienu sabu katnazz sgassat ma l-art u fit-tfittxija illi sehhet f'dan il-fond sabu borza qisha xkora zghira li identifikha bhala KA174/03.

PC 807 (a fol 264) ikkonferma Dok. MM 72 li kienet misjuba fit-tfittxija illi saret Tas-Sliema u dan l-oggett kellu miktub fuqu DOM 1950.

PS Jeffrey Hughes esebixxa l-impronti digitali ta' Stephen Borg, Anthony Borg, Peter Borg Junior u Peter Borg Senior.

Joseph Mallia espert tal-analizi komperattiv tal-impronti digitali gie konsenjat dawn l-impronti digitali flimkien mal-lifters ta' l-inkjesti.

Joseph Grixti a fol 274 ikkonferma s-serq illi huwa kien irraporta minn garage fi Triq il-Qrendi Zurrieq fejn kien insteraqlu kwantita' ta' xorb alkoholiku flimkien ma xi ghodda u dana fit-tlettax (13) ta' Marzu two thousand and

three (2003). Il-flixken tax-xorb li nsterqulu kienu flixken kbar tal-litru. Ikkonferma r-ritratti li jinsabu a fol 195 fil-Proces Verbal ta' Demsey Garage, Qrendi Road, Zurrieq esebit ma l-atti u gharaf dawk ir-ritratti.

Joseph Mallia espert a fol 276 xehed illi kien sab illi l-lifter 03ATC301 kien jaqbel mas-seba tac-curkett ta' l-id il-leminija ta' Anthony Borg Identity Card 260783 M; il-lifter 03ATC304 gie identifikat mal-marka tas-seba tan-nofs ta' l-id il-leminija ta' Anthony Borg Identity Card 260783 M u l-lifter 03ATC305 jaqbel mal-marka tas-seba l-kbir ta' l-id il-leminija ta' Stephen Borg illi joqghod 10, St. Henry Street, Sliema kunmru tal-karta' ta' l-identita 483578 M. Huwa esebixxa r-rapport tieghu Dok. JM u kkonfermah.

John Sacco a fol 279 ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 36 tal-Proces Verbal ta' serq minn tlett (3) garages fi Triq Vittorja Birkirkara li sehh fl-ewwel ta' Jannar two thousand and three (2003) flimkien ma estensjoni ta' l-istess nomina li jinsab minn fol 51 sa 62 ta' l-istess Proces Verbal.

Spettur Raymond Cassar a fol 298 ikkonferma illi kien gie nominat bhala Scene of Crime officer fis-serqa ta' l-ewwel ta' Jannar two thousand and three (2003) minn Birkirkara.

PS 1261 Charles Pace a fol 307 ikkonferma r-ritratti MM 1 sa MM 35 esebiti a fol 52 tal-Proces Verbal dwar l-Identity Parade.

Spettur Raymond Cassar a fol 313 esebixxa ghoxrin (20) ritratti illi gew esebiti bhala Dok. RC 1 sa Dok. RC 20 rigwardant serq minn number 12, Victory Street, Birkirkara.

Peter Borg Senior l- imputat xehed li hu joqod no 7 Sqaq Jannara, B' Kara li huwa razzett cirkondat b ghoxrin (20) tomna raba li f' dan ir raba hemm wkoll xi kmamra zaghar sparpaljati. Hu xehed illi fis- sena 2003, huwa kien isepara minn ma martu u kellu jiehu hsieb lil uliedu apparti li jahdem ir raba' imsemmija. Huwa xehed li ma kellhu sehem u ma kien jaf b' l- ebda serqa li huwa gie mixli bihom. Peter Borg xehed wkoll li l- ghelieqi tieghu kienu

cirkondati b’ hajt tas- sejjieh baxx u li ghaldaqstant setghu jidhlu terzi persuni facilment fil-propjeta’ tieghu. Huwa stqarr li kien hemm tlett (3) kmamar (kull wahda separata) imferxin fl-ghelieqi tieghu waqt li kien hemm ir- razzett propju fejn kien jghix hu ma l- erbgha (4) uliedu li jikonsisti f’fond wiehed li ghandu xi erbat (4) ikmamar. Peter Borg xehed li fir- razzett fejn kien jghix hu ma uliedu l- pulizija ma kienu sabu xejn u li l-oggetti misjuba mill-pulizija kienu nstabu go wahda mill-kmamar separati fir-raba tieghu

*“din kamra bla bibien, kont inrabbi fiha l-annimali.”*

Peter Borg xehed li hu ma kien jaf xejn fuq l- affarijiet li nstabu mill- pulizija. Peter Borg baqa jishaq li minhabba li l- hitan tas- sejiegh ta’ l- ghelieqi tieghu kienu baxxi hafna seta jidhol fil- propjeta tieghu kull min ried. Huwa qal wkoll li apparti t- tlett subien tieghu kienu jigu wkoll hafna hbieb ta uliedu u l- gharajjes taghhom ghandu. Peter Borg xehed illi l- affarijiet misjuba fil- propjeta tieghu mill-pulizija kienu qeghdin fil-partijiet ta’ l-ghelieqi l-aktar imbeghda mir-razzet fejn jghix hu. Peter Borg ikkonferma in kontro ezami li minn naha tal- ‘bypass’ kien hemm xatba li taghalq l- entratura tar- razzett u l- uniku partijiet tar- razzett li kienu jissakru kien ir- razzett propju fejn jghix hu ma uliedu u garaxx. Peter Borg ikkonferma li ghar-rigward ta’ l-ghelieqi ta’ isfel, ma kienx izomm klieb ta’ l-ghassa u kkonferma li x- xatba kienet tinghalaq biss b’firoll semplici. Muri r- ritratti CMM 36 sa CMM 45 u MM 36 sa MM 49 Peter Borg xehed li huwa ma kienx jaf bl- ogetti li jidru f’ dawk ir- ritratti. Peter Borg xehed is segwenti :

*“Lanqas kont naf bihom Sinjura jien dak iz-zmien ghidlek kont ghadni ninfired minn mal-mara kelli zewg itfal zghar u bil-kemm kelli sahha nzomm fuq saqajja bl- inkwiet li kelli, ahseb kemm immur nisraq jew kemm noqghod infittex fir-razzett biex nara hemmx xi ihaga ma togghobniex u ghalhekk kont irrabbjajt ghal-Ispettur ghall-ewwel qalli naf li ma intix halliel imbaghad ried qisu jitfa l- htija fuqi”*

Peter Borg muri r- ritratti mehuda mill- Scene of Crime Officers gharaf uhud mill- ghodod illi kienu tiegu u l-ogetti l-ohra li ma kienux propjeta tieghu u ma kienx jaf bihom.

Peter Borg Junior ikkonferma li hu joqghod ma missieru fil-fond 7, Triq Jannara, B' Kara flimkein ma zewg (2) imputati l-ohra. L-imputat Peter Borg Junior xehed li hutu Stephen u Anthony m' ghadomx joqghodu mieghu u missieru u dana minn dan l- incident il- quddiem. Huwa xehed illi l- access ghal-ghelieqi tar- razzett kien facli minhabba li l- hitan tas- sejjiegh kienu baxxi hafna u kien hemm partijet li kienu b' gholi biss ta' pied, pied u nofs. Illi x- xatba tar-razzett keinet tinqafel biss b' firoll u kien hem sokor biss fir-razzett propju fejn kienu jghammru hu u missieru. Kien hemm wkoll kmamar separati tar- raba' li fihom instabu ogetti li hu ma kien jaf xejn bihom. Huwa xehed li dak iz-zmien hu kien jahdem f' fabbrika tal-pastizzi fejn kien jahdem mit- 8:00 ta' filghaxija u l-4:00 ta filghodu u kien jahdem sebghat (7) ijiem fil- gimgha. Peter Borg Junior baqa jsostni li hu ma kien involut fl- ebda wahda mis- serqiet li taghhom gie mixli. Konferma wkoll li fl- identification parade l- iSpettur qallu li hadd ma kien gharfu.

Carmel Pace is- sid tal- pastizzerija Sphinx kien jahdem mieghu fi 2002 u li kien ghamel xi jiem arrestat vicin iz-zminijiet tal- Milied. Ikkonferma li l- impjegati tieghu kienu jahdmu kulljum bla Sibt u Hadd u bla leave. Illi minn dak iz-zmien 'il quddiem kienu immodernizzaw u llum l-affarijet huma differenti.

L- Ispettur Michael Mallia prodott mid- difiza ddikjara li hu ma kienx ghamel indagini fuq il- propjeta msemmija fl-akkuza u kien wasal ghal- konkluzjoni li Peter Borg kien fil- pussess ta' dawn l- ghelieqi. Huwa ma vverifikax jekk fit- tarf ta' l- isqaq Kanonoiku Pirotta kienx hemm garaxx propjeta ta' Borg u lanqas ma kien staqsa din id-domanda lil imputati fl- istqarriji taghhom. L- Ispettur Mallia ikkonferma li kien sab oggetti provenjenti minn serq fi Triq Kastelletti ta' Sliema u li kien sab wkoll katnazz zgassat ma l- art. Huwa kkonferma li kien sab katnazz iehor minfloku.

Ikkonsidrat:

Jirrizulta mil- atti processwali li Anthony Borg iregistra ammissjoni ta’ l- akkuzi kollha dedotti kontra tieghu ghajr l- ghaxar (10) akkuza li hija sussidjarja ghal- akkuzi ta’ serq.

Illi mill provi prodotti mill- prosekuzzjoni jirrizulta b’ mod anki ampju li Peter Borg Senior u Peter Borg Junior ma kellhom ebda sehem jew involviment fis- sensiela ta’ serq li bihom jinstabu mixlija. Dan qieghed jinghad il- ghaliex ebda prova forensika ma giet prodotta illi b’ xi mod tallacca dawn l- imputati mas- serqiet indikat fl-akkuza. Illi di piu’ l- imputati bl- aktar mod vociferu cahdu kull allegazzjoni maghmula fil- konfront taghhom. Irid jinghad wkoll illi l- ogetti provenjenti mis- serq illi l- pulizija sabu waqt it- tfittxijiet taghhom ma nstabux fir- razzett fejn kienu jabitaw Peter Borg Senior u Peter Borg Junior, izda gew misjuba f’ kamra separata fl- ghelieqi mifruxa l- fuq minn ghoxrin (20) tommna u taht hajt tas- sejjiegh fl- aktar parti mbieghda minn dan ir- razzett u go fond fi Triq Kastalletti ta’ Sliema li kien wiehed fil- pussess ta’ Anthony Borg. Illi l-uniku xhieda illi tallaccja lil Peter Borg ma’ wahda mis-serqiet, kienet l-“Identification” ta’ James Dimech illi saret fl-“Identification Parade”. L-identifikazzjoni, pero’, ta’ Peter Borg hija konflingenti mat-testimonjanza ta’ Richard Fenech li ghalkemm tkellem illi gharaf lil Peter Borg fil-karozza EAF 318 ta’ l-ghamla Toyota Corolla kulur ahdar, quddiem il-Qorti, indika b’subajh lill-imputat Stephen Borg.

Illi, di piu’, mix-xhieda ta’ Carmel Pace, dana pprovda alibi solida ghal Peter Borg Junior, li dak iz-zmien kellu mpjieg sod mit-tmienja ta’ filghaxija sa l-erbgha ta’filghaxija, kuljum.

Illi din il- Qorti fliet bir- reqqa x- xhieda li taw Peter Borg Senior u Peter Borg Junior u waslet ghal- konkluzjoni li l-verzjoni taghhom kienet veritjiera, ghandha mis- sewwa u ta min joqghod fuqha. Irid jinghad wkoll illi Anthony Borg u Stephen Borg mid- data ta’ l-akkuza ma baqghux

jirrissjedu ma Peter Borg Senior u Peter Borg Junior. Illi l-Qorti pero’ taprezza li l- prosekuzzjoni kienu kostretti jiehdu passi kriminali kontra l-erba’ imputati ghal-ragunijiet ovvji.

Illi ghal rigward ta’ l-imputat Stephen Borg, il-Qorti taghraf illi hemm zewg provi ewlenin kontra Stephen Borg u cioe, Stephen Borg gie indikat f’ ‘identification Parade’ mix-xhud James Dimech u li kkonferma wkoll dan bil- gurament quddiem din il- Qorti. Illi l-identifikazzjoni, maghmula minn Richard Fenech, ma tistghax tigi kkonsidrata bhala prova f’din il-kawza ghal ragunijiet gia spjegati fuq. L- espert analitiku ta’ l- impronti digitali, Joseph Mallia, sab impronta digitali ta’ Stephen Borg kif jidher minn page 25 tar-rapport ta’ Joseph Mallia Dok.JM liema rapport jinstab a fol 278.

Is-sentenza Qorti ta’ l-Appell Kriminali, Il-Pulizija vs Anthony Abela, deciza fit-28 ta’ Mejju, 1998 il-Qorti ta’ l-Appell irriteniet li:

**“F’ cirkostanzi normali, marki tas- swaba f’ post fejn tkun saret serqa li jaqblu ma l- impronti digitali tal-persuna huma prova sufficjenti sabiex il- Qort ssib htija. Pero’ f’kaz fejn ghandek post pubbliku bhala hanut, knisja, cinema, hwienet tax- xorb, diskoteki, fejn dawn ta’ kuljum huma ffrekwentanti minn mijiet ta’ nies, certament ma jistghax jinghad li legalment, is- sejba ta’ marka tas- swaba ta’ xi hadd f’ dawk il-postijet hija sufficjenti biex issib htija fuq sid dik il-marka, irrisspettivament minn min effettivament hi dik il- persuna. Fil-kaz ta’ postijet pubblici, din il-prova tineccessita korrabborazzjoni”**

Fil- kaz in ezami l- Qort hija rrinfaccat minn membru tal-familja li addirittura ha r- responsabbilta’ fuqu nnifsu u ametta ghal- akkuzi kollha dedotti kontra tieghu (ghajr wahda sussidjarja); membru tal- familja li heba l- oggetti kollha provenjenti mis- serq tieghu fl- ambjenti tar- razzett ta’ missieru li kien jippossjedi ‘l fuq minn ghoxrin (20)

tommna raba', missier li kien jghix flimkien ma' zewg (2) uliedu ohra. Illi f' dan il- kaz m' huwiex improbabbli li wiehed mill- ahwa ihalli impronta digitali fuq xi oggett li gie mitluq minn Anthony Borg fl- ambjenti tar- razzett, anzi hija kwazi kwazi mistennija is- sejba ta' impronti digitali ta' l- ahwa l- ohra jew tal- missier.

Illi minkejja illi l- imputat Stephen Borg gie identifikat minn James Dimech waqt l-"identification parade", din l-identifikazzjoni m' hijiex allaccjata mas- serqa li fiha instabet l-impronta digitali ta' Stephen Borg u ghaldaqstant din il- Qorti lanqas ma ghandha l-kollaborazzjoni li giet reza necessarja mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fil- Pulizija vs Anthony Abela fuq citata.

Illi ghal- dawn il- mottivi l- Qorti ssib lil imputat **Peter Borg Senior** , **Peter Borg Junior** u **Stephen Borg mhux hatja ta' l- akkuzi migjuba kontra taghhom u tilliberahom**. Issib lil imputat, **Anthony Borg hati skond l-akkuzi** ghajr ghal-ghaxar (10) akkuza li minnha tilliberah stante li hija sussidjarja ghall-akkuzi ta' serq u wara li rat Artikoli 18, 261 (b),(c),(f), 263, 267, 270, 278, 279, 49, 50, 533, 28 B tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal-tlett (3) snin prigunerija waqt li tirrendi operattiva is-sentenza sospiza indikata fit-12 l-akkuza cioe dik ta' 21 ta' Ottubru, 1999 u tikkundannah ghal-sentejn prigunerija ohra u cioe b'total ta' hames (5) snin prigunerija.**

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' ta' l-imputat Anthony Borg, il-fedina penali tieghu, l-ammissjoni tardiva u s-sensiela u l-import tas-serq illi bih instab mixli.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------